MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru. 535/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**Vs**

**Carmelo Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Carmelo Farrugia iben il-mejjet Gorg u Carmela nee` Cauchi imwieled Rahal Gdid fis-6 ta` Jannar, 1955 u residenti fil-fond numru 14, Triq Hal Saflieni, Rahal Gdid u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 56055 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

a) Fi Triq Ninu Cremona, Rahal Gdid, nhar l-24 ta` Frar, 2004, ghall-habta tas-2.00 ta` wara nofsinhar, minghajr ma` l-imputat kellu l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` David Vella minn Rahal Gdid f`periklu car, kien ikkagunalu ferita ta` natura gravi, kif iccertifika Dr. Michael Cordina M.D. (Medical Warrant No: 848) u Dr. Renzo Degabriele M.D. (Medical Warrant No: 2477) mic-centru tas-sahha ta` Rahal Gdid, liema ferita gabitlu mankament jew sfreggju fil-wicc bi ksur ta` l-artikli 216 (1) b tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

b) Akkuzat ukoll illi fl-istess cirkustanzi sar recidiv b`diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 16 ta' Lulju, 2004 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-17 ta' Marzu, 2005 ( a *folio* 10 tal-process) ai termini ta' l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna feriti ta' natura gravi kosistenti f'sfreggju jew mankament fil-wicc fil-persuna ta' David Vella waqt incident li sehh fl-24 ta' Frar 2004.

Illi mic-certifikat mediku esebit a folio 18 tal-process, liema certifikat gie rilaxxjat minn Dr. Renzo Degabriele, u liema

certifikat gie debitament konfermat mill-istess Dr. Degabriele fis-seduta tat-12 ta’ Jannar 2006, jirrizulta li l-griehi sofferti mill-vittma David Vella kienu ta’ natura hafifa u kienu jikkonsistu f’ferita miftuha fuq il-haddejn tal-lemin u f’’tbengila fuq il-mohh. Dan ic-certifikat gie rilaxxjat dakinhar stess li sehh l-allegat incident. Fl-atti hemm esebit ukoll certifikat mediku iehor din id-darba rilaxxjat minn Dr. Michael Cordina fil-25 ta’ Frar 2004 (a folio 19 tal-process) liema cerifikat jindika l-istess feriti msemmija minn Dr. Renzo Degabriele izda fejn ma hemmx indikat kif jiklassifikaw tali feriti. Meta xehed fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2005 Dr. Michael Cordina qal li huwa ma kienx f’posizzjoni jghid jekk il-feriti sofferti minn David Vella kienux ta’ natura gravi u dan peress li huwa ma kienx rega’ ezamina lill-imsemmi Vella wara l-25 ta’ Frar 2004 u ghalhekk ma setghax jikkonstata jekk effettivament il-ferita li kellu Vella kienitx halliet marka. Huwa qal inoltre li l-ponti li kellu Vella kienu *butterfly stitches*.

Minn ezami bir-reqqa tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma jirizulta minn imkien li l-griehi sofferti minn David Vella kienu ta’ natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Mic-ceritifikati li saret referenza ghalihom fil-paragrafu precedenti u mix-xhieda taz-zewg tobba li xehdu f’dawn il-proceduri, kif ukoll mix-xhieda tal-istess vittma David Vella, jirrizulta li l-griehi sofferti minn David Vella kienu fil-fatt ta’ natura hafifa.

L-allegat vittma David Vella deher quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-4 ta’ Ottubru 2007 fejn irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Una volta li kif intqal aktar il-fuq mill-provi jirrizulta li l-griehi sofferti mill-vittma kienu ta’ natura hafifa, u una volta li l-vittma rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat il-Qorti qed tiddikjara dan il-procediment bhala ezawrit stante li hemm ir-rinunzja tal-vittma li lilu gew kawzati griehi ta’ natura hafifa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 216 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta u war li hadet konjizzjoni tar-rinunzja da parti tal-parti civili David Vella l-Qorti tiddikajra

l-procedimet ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------